MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Numru. 9/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**CARMEL XERRI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carmel Scerri bin Michael Anglu u Mary nee' Debrincat residenti 'Casa Mt Carmel', Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 64154 G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli;

1. F'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, qabel it-12 ta' Mejju 2000 bhala pussessur tal-fond Xerri Animal Feeds, "Carmel Garage", Triq il-Merkanti, Xewkija, Ghawdex u

bhala persuna li fuqu huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta` kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent u li seta jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq jeccedi l-elf lira (Lm1000), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur.

2. Talli ghamel hsara fuq l-istess meter bil-mertu u bil-valur ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema hsara tammonta ghal tlett liri Maltija (Lm3.00).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar id-disgha w ghoxrin ta' Jannar, 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi mill-gdid.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-disgha w ghoxrin ta' Jannar, 2004.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Dwar il-piena l-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti, u cioe` qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni ta' l-imputat waqt il-prezentata u n-natura ta' l-akkuza moghtija fil-konfront ta' l-imputat.

Illi minhabba l-premess il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-Qorti tapplika provvedimenti tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` ma tapplikax piena karcerarja.

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 264, (1), (2), 267, 263, 279 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat CARMEL XERRI hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn milll-lum ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-perizja f'din l-inkjesta l-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Trevor Farrugia" deciza fis-26 ta' Jannar 1998 u rat illi peress illi l-ispejjez gew inkorsi fl-inkjesta u mhux waqt il-kumpilazzjoni tichad tali talba.**

**Il-Qorti ai termini ta' l-artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tordna li din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------